# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tas-7 laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 04 ta' Novembru 2024 fis-5:45 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**07.01 Talba**

07.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**07.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

07.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**07.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 06**

07.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 06 ġew approvati unanimament. Il-Viċi Sindku ppropona u l-Kunsillier Sciberras issekonda.

**07.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

07.04.01 Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa mal-*Malta Foundation for the Wellbeing of Society*, immexxijja mill-President Emeritu l-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, dwar il-ħatra ta' Kunsill tat-Tfal f'kull Reġjun u f'kull Kunsill. Is-Sindku ssuġġerietilhom il-*youth centre* bħala post fejn jistgħu jiltaqgħu. L-iskop tal-Kunsill tat-Tfal hu biex it-tfal ikollhom iċ-ċans iressqu xi proposti għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali, fejn is-Sindku infurmat li spjegatilhom li minkejja li l-Kunsill jissapportja bosta ideat, mhux neċessarjament jimplimenta kull prposta minħabba raġuni ta' finanzi. Kompliet billi ħeġġet biex fejn ikun hemm lok li jġibu fondi, il-Kunsill jgħin fejn ikun meħtieġ. Iktar informazzjoni dwar dan se tingħata iktar 'l quddiem. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

07.04.02 Is-Sindku infurmat li rigward il-kuntratt tal-ġonna pubbliċi, il-Kuntrattur *Callus Garden Centre* beda x-xogħol min-naħa tiegħu, fejn sejjer tajjeb u m'hemmx problemi. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

07.04.03 Is-Sindku infurmat li wara li issa ġie iffirmat l-*MoU* mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi rigward iċ-Ċentru Ċiviku fl-Imqabba, jinsabu fil-proċess ta' applikazzjonijiet għall-permessi. Fakkret ukoll li l-għan huwa li jinbnew open plans fejn il-basement tiġi latrina pubblika, *ground* floor tiġi Berġa Pubblika, first floor tiġi *Civic/Day Care* u Sala, u fuq il-bejt kamra żejra bħala *storage*. Is-Sindku semmiet li kienet mistiedna għaliha mal-

Kura tas-Saħħa Primarja, fejn dawn se jippreżentaw pjanti li jindikaw x'inhu meħtieġ rigward il-Berġa. Se tkun qed issir laqgħa wkoll mal-Anzjanità Attiva sabiex huma wkoll iressqu l-pjanti dwar kif għandu jitqassam id-*Day Care*. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

07.04.04 Is-Sindku infurmat li lejliet l-iffirmar tal-*MoU* mad-Dipartiment tat-Tindif, flimkien mal-Viċi Sindku, attendiet laqgħa mad-Direttur Ġenerali s-Sur R. Deguara fil-preżenza tal-Assistent Direttur D. Hall fejn ġew diskussi xi emendi fl-*MoU* fosthom il-knis ta' Triq tas-Sejba u tal-Ġonna Pubbliċi, ħasil b'urġenza ta' toroq, u ħasil regolari ta' toroq fejn iħammeġ ħafna l-ħamiem, u t-tindif madwar l-*iBins*. Waqt din il-laqgħa kien hemm qbil li wara l-iffirmar tal-*MoU* se jkun hemm lok għal laqgħa dwar l-emendi bejn l-Avukat tal-Kunsill, il-Kunsill Lokali u d-Dipartiment tat-Tindif. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

07.04.05 Is-Sindku semmiet l-inkonvenjent u l-periklu li qed ikun hemm bil-vetturi tqal li qed joperaw mis-sit ta' kostruzzjoni fi Triq Ġorġ Martin, li qed jgħaddu minn Triq Dun Anġlu Mallia (triq dejqa u żgħira) biex joħorġu lejn il-bypass. Il-Kunsillieri qablu li għandna niktbu lil sid is-sit tal- kostruzzjoni kif ukoll lil Transport Malta dwar dan l-inkonvenjent u biex eventwalment tinstab rotta alternattiva.

07.04.06 Is-Sindku tkellmet dwar laqgħa, li hi flimkien mas-Sindki l-oħra fl-akwata tagħna, kellhom mal-Assistent Kummissarju T. Micallef dwar problemi fil-lokalitajiet. L-iktar problemi komuni li ġew diskussi kienu l-infurzar u t-twaħħil tat-tabelli tan-*No Parking* bil-48 *hours* mal-faċċati tad-djar tan-nies. L-Assistent Kummissarju informa lis-Sindki wkoll biex rigward ittowjar ta' vetturi wara s-2 p.m., li hu l-ħin sa x'ħin il-*LESA* tagħti s-servizz, nistgħu nirrikorru għat-*towing* li jagħmlu l-pulizija iżda bi ħlas. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

07.04.07 Is-Sindku semmiet laqgħa oħra li talab magħha s-Surġent tal-Pulizija tal-Komunità, fejn hija infurmat lill-Kunsillier Galea biha iżda huwa ma setax jattendi għaliha. Waqt din il-laqgħa ġie diskuss il-parkeġġ illegali u l-imwejjed u s-siġġijiet fil-Pjazza. Hija ġiet infurmata li bħala infurzar, mhux ser ikunu qed jingħataw iktar twissijiet iżda se jibdew jinħarġu l-multi mill-ewwel sabiex wieħed jitgħallem u jibda jobdi. Fir-rigward tal-imwejjed u s-siġġijiet is-Sindku talbet sabiex iduru u jikkonfermaw li l-bars /każini/ restoranti huma konformi mal-konformi mal-liġi tal-Awtorità tal-Artijiet, u min mhux għandu jiġi mġiegħel ineħħu l-imwejjed u s-siġġijiet mit-triq. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

07.04.08 Rigward il-*bus shelter* ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, is-Sindku infurmat li tkellmet kemm ma' Mario Fava (AKL) kif ukoll ma' Faces, fejn dawn tal-aħħar infurmawha li qed jistennew il-ħġieġa tasal għaliex tinsab ordnata. Hija infurmat ukoll li wara li uriet it-tħassib tagħha ma' *Faces* dwar il-periklu bil-bqija tal-ħġieġ tal-*bus shelter* li jista' jaqa' wkoll, tawha l-kelma li se jkunu qed ineħħuh, fejn eventwalment meta tasal l-ħġieġa, jitqiegħed il-ħġieġ kollu f'postu. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

07.04.09 Is-Sindku infurmat li r-Reġjun Punent se jkun qed jagħti 8 *barriers* lill-Kunsilli Lokali tal-Imqabba kif ukoll lid-9 Kunsilli Lokali l-oħra li jaqgħu taħtu. Il-membri preżenti tal-Kunsill ħadu nota ta' dan.

07.04.10 Is-Sindku infurmat li l-latrina pubblika tal-Ġnien Tfal ir-Raħal tinsab fi stat ħażin u tinħtieġ il-manutenzjoni speċjalment fis-saqaf. Hija kompliet billi qalet li peress li l-Kunsill għandu

problema bl-ispazju fejn jerfa' l-għodda, *barriers*, u oħrajn, tikkunsidra kieku din il-latrina tinbidel fi store peress li ma tintużax. Il-Kunsillieri preżenti iddiskutew dwar dan fejn issemma dwar il-possibiltà li l-imsemmija latrina tiġi minflok il-kiosk li hemm fl-imsemmi ġnien peress li wkoll ma tintużax u l-latrina tiġi *store*, kif ukoll issemma dwar possibiltà li mmorru għal garage bil-kiri biex ikun *store*. Is-Sindku qalet li se nibdew billi nieħdu l-parir tal-perit filwaqt li jekk ikollna informazzjoni dwar xi garaxxijiet li huma għall-kiri, niddiskutu dwarhom ukoll. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

07.04.11.1 Is-Sindku infurmat li hi flimkien mas-S.E. iltaqgħu mal-Perit tal-Kunsill u mal-Kuntrattur AXD Co. Ltd. sabiex iffirma l-*Contract Agreement* rigward ir-restawr tal-Isptar il-Qadim. Infurmat ukoll li waqt il-laqgħa fuq il-post – fl-Isptar il-Qadim – ġie diskuss meta se jinbeda x-xogħol tar-restawr kif ukoll dwar x'hemm bżonn li jittieħed u jintrema minn ġol-isptar. Fosthom issemmew il-ġebel il-kbar li fil-passat, il-Kunsill bl-involviment tal-iskultur Imqabba A. Farrugia u skultur ieħor Ġermaniż kien qed isir proġett li sfortunatament kien sfaxxa. Il-Kunsillieri preżenti qablu li ladarba l-ġebel huwa tal-Kunsill, qabel nordnaw lill-AXD Co. Ltd. biex jarmih, għandna niċċekkjaw mas-Sur Farrugia dwar jekk hux interessat li jieħu l-ġebel hu u x'lest li joffri tiegħu.

07.04.11.2 Is-Sindku infurmat li fit-*tender* tar-restawr, li kien sar fil-leġiżlatura li għaddiet, ma kienx jinkludi l-manutenzjoni tal-bjut, it-tindif tal-ġardina, u t-tindif tax-*shelter* li jkompli mal-kantina, għar-raġuni li dan il-proġett huwa marbut ma' *budget* skond fondi li l-Kunsill kien ikkwalifika biex jingħata minn skema tal-LESA. Is-Sindku infurmat li hija talbet lill-AXD Co. Ltd. sabiex jagħtina stima għal dawn ix-xogħolijiet imsemmija sabiex jiġu diskussi biex eventwalment jiġi deċiż jekk il-Kunsill għandux jagħmilhom a spejjeż tiegħu jew le. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

07.04.12 Rigward it-Totem Poles, is-Sindku infurmat li fl-Imqabba ġiet installata viċin il-Katakombi tal-Mentna fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, fejn l-iskop tagħhom huwa li jippromwovu u jagħtu direzzjoni għal *trails* li wieħed jista' jmur bil-mixi jew bir-rota. Hija semmiet li l-Kunsill kien mistieden għal workshop li hija attendiet għalih. Il-membri preżenti tal-Kunsill ħadu nota ta' dan.

07.04.13 Is-Sindku tkellmet dwar l-Attività Kulturali "Stilel Taħt il-Kampar" li kienet skedata għal nhar it-18 ta' Ottubru 2024, kif iddiskutiet mal-Kunsillieri permezz taċ-chat bejn stedina li kellha fuq programm tan-NET u ieħor ta' ONE, kif ukoll fuq parir tad-Direttur Artistiku Luke Cassar, kellha titħassar minħabba l-maltemp. Is-Sindku ssuġġeriet li l-attività għandha tiġi posposta għal Mejju biex anke t-temp ikun aħjar. Il-Kunsillieri preżenti qablu li ssir fil-ġurnata suġġerita mis-Sindku u cioè nhar is-Sibt 03 ta' Mejju 2025. Is-Sindku infurmat ukoll li se nkunu qed nitolbu lista tal-ispejjeż li laħqu saru fuq *marketing* għal din l-attività li xorta se jonqsu mill-fondi li kkwalifikajna għalihom u li għaldaqstant biex jerġgħu isiru jrid jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill. Il-membri preżenti tal-Kunsill ħadu nota ta' dan.

07.04.14 Is-Sindku infurmat li nhar il-Ħadd 24 ta' Novembru 2024 se tkun qed torganizza l-Afternoon Tea ta' qabel il-Milied fl-Iskola Primarja. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota' ta' dan.

07.04.15 Is-Sindku infurmat li tkellmet mas-CEO ta' Transport Malta dwar Triq Baskal Xuereb fejn infurmaha li se tkun qed issir. Tant hu hekk diġa' ġew installati l-warning signs għal waqt ix-xogħlijiet u l-RWP applikat ukoll. Is-Sindku kompliet li l-Perit Rebecca li ser tkun qed

taħdem fuq dan il-proġett se tinfurmaha meta se jinbeda eżattament ix-xogħol appena jkollha l-*clearances* kollha. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**07.05** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

07.05.01 Il-Viċi Sindku staqsa għaliex il-Minuti tal-laqgħat tal-Kunsill qed jaslu tard għand il-Kunsillieri. Is-S.E. tat spjega għaliex speċifikament il-minuti ta' din il-laqgħa ma ntbagħtux qabel fosthom minħabba ammont ta' xogħol li kien meħtieġ isir fuq diversi attivitajiet matul dan ix-xahar, numru ta' laqgħat li kellha kemm l-uffiċċju kif ukoll *on-sites*, *training sessions* mandatorji u bosta oħrajn. Hija ċċarat ukoll li bil-liġi l-minuti suppost jitqassmu u jinqraw waqt il-laqgħa. Il-Kunsillieri flimkien mas-S.E. iddiskutew fid-dettall u fit-tul dwar x'qed iwassal għal dan, fejn saret enfasi biex is-S.E. tibda tiddelega iktar xogħol liż-żewġ impjegati klerikali tal-Kunsill biex hi tkun tista' tikkonċentra iktar fuq ix-xogħol propju tagħha.

07.05.02 Il-Kunsillier Galea staqsa għaliex il-manutenzjoni tal-lampi tal-Enemalta qed iddum wisq ma ssir, fejn każ minnhom ilu 8 ġimgħat. Is-Sindku spjegat li fil-leġislatura preċedenti hi flimkien mas-S.E. kellhom laqgħa mal-Ministru fejn ġew infurmati li l-prassi tal-Enemalta hija li lampa tat-triq tissewwa fi żmien 27 jum. Hija kompliet billi qalet li meta jkun hemm lampi li jkun ilhom wisq irrappurtati bil-ħsara, hija titlob lill-istaff jgħaddilha n-*notification number* u tirreferih lill-Inġinier li kienet rrakkomandatilha il-Ministru stess. Is-Sindku kompliet li min-naħa tar-Reġjun Punent se jkunu qed jiltaqgħu ukoll mal-Ministru biex issir iktar pressjoni sabiex din is-sitwazzjoni tmur għall-aħjar. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

07.05.03 Il-Kunsillier Galea staqsa rigward x'sar dwar l-*ispeed limit* fi Triq il-Ħajt tal-Matla. Is-S.E. infurmatu li l-ħaddiema tal-Kunsill irrifriskaw il-marki eżistenti tal-ispeed, filwaqt li mill-uffiċċju ntbagħtet l-eForm għall-approvazzjoni ta' Transport Malta biex jiżdiedu l-marki tal-*ispeed* mal-art flimkien mat-tabelli tat-triq. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

07.05.04 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk hux possibbli li l-Kunsillier jingħataw kopja tal-*MoU* taċ-Ċentru Ċiviku. Is-S.E. infurmatu li appena jkun f'idejna, hija se tiċċirkulah mal-membri tal-Kunsill. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

07.05.05 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk il-Kunsill għandux *bye-law* rigward il-ħruġ ta' mwejjed u siġġijiet fil-Pjazza. Is-Sindku spjegat li *bye-law* m'għandux għalfejn ikun hemm għar-raġuni li meta tkun se ssir *one time event*, jinħareġ il-permess mill-Kunsill, filwaqt li biex sid il-ħanut ikun jista' joħroġ l-imwejjed u s-siġġijiet iktar regolari, irid ikun kopert bil-permess tal-Awtorità tal-Artijiet. Huwa importanti li l-*one time events* ma jkunux regolari u viċin xulxin għax hekk ma jkunx jista' jinħareġ il-permess mill-Kunsill. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

07.05.06 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar it-trinka li għadha mhix reinstated li kienet saret biex sar *drainage house connection* privat fi Triq il-Qattara. Is-Sindku u s-S.E. infurmawh li dan il-kuntrattur ġie avżat kemm verbalment mill-Viċi Sindku, kif ukoll bil-miktub mis-S.E. f'isem il-Kunsill sabiex ifittex jgħalaq it-trinka biex jitneħħa l-periklu. Ktibna wkoll lill-pulizija peress li x-xogħol baqa' m'għamlux. Is-Sindku tat struzzjonijiet lis-S.E. biex inkellmu lill-avukat tal-Kunsill dwar dan. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota.

07.05.07 Il-Kunsillier Galea qal li għaż-Żjara ta' Kortesija lill-President ta' Malta u għall-Attivitajiet Sportivi ta' Jum l-Imqabba, ma setax ikun preżenti minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

07.05.08 Il-Kunsillier Sciberras staqsa x'sar mid-drop kerbs tal-bankini li kellhom isiru fi Triq Santa Katerina u fis-*Service Road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-S.E. infurmatu li rċevejna l-istimi u kien hemm qbil li jiġu diskussi skond l-Aġenda ta' din il-laqgħa. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

07.05.09 Il-Kunsillier Ghigo staqsa dwar il-possibiltà li nitkellmu mar-Reġjun Punent biex is-sena d-dieħla jsir kors tal-presepji kif għadu kif sar iż-Żurrieq. Is-Sindku infurmatu li dan il-kors se jkun qed isir f'Settembru 2025 għaliex ġie diskuss waqt l-aħħar laqgħa tar-Reġjun mas-Sindki. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

07.05.10 Il-Kunsillier Ghigo staqsa f'isem xi wħud li staqsewh dwar meta ser tinfetaħ it-triq bejn Triq Ħal Kirkop u Triq tat-Torba. Is-Sindku qaltlu li m'għandna l-ebda informazzjoni dwar dan. Il-Kunsillier ħadu nota ta' dan.

**07.06 Laqgħa Pubblika – Baġit għas-Sena 2025**

07.06.01 Is-Sindku infurmat li bil-liġi lejn l-aħħar tas-sena ssir laqgħa pubblika sabiex jiġi diskuss il-Baġit għas-sena li jmiss. Din il-laqgħa trid issir sa mhux iktar tard mill-15 ta' Diċembru. Il-Kunsillieri preżenti qablu li l-laqgħa pubblika tiġi skedata għal nhar it-Tnejn 9 ta' Diċembru 2024 fil-5pm qabel il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

**07.07 Milied 2024**

07.07.01 Rigward il-Mixgħela tal-Pjazza ta' din is-sena, is-Sindku qalet li jkun aħjar li norganizzaw nhar is-Sibt 30 ta' Novembru 2024 peress li l-1 ta' Diċembru se jkun il-Ħadd u forsi dak li jkun jippreferi joħroġ fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu u mbgħad jibqa' d-dar. Għal din l-attività għandna EUR 6,000 allokati mingħand ir-Reġjun Punent. L-attività se tkun imtella' bl-istess mod tas-sena li għaddiet u nżidu magħha. Il-palk għall-kantanti se nissellfuh mingħand il-Kultura, filwaqt li bħala kantanti għall-għeluq hemm il-ħsieb li jkollna lil Julie Pomorski, se jiġu avviċinati kantanti oħra lokali bħal Victorio Gauci, Amy Farrugia u Sadie Mifsud Borg. Se jkun hemm id-dawriet bit-*train*, il-*bouncy castle* u nerġgħu ninvolvu lill-każini biex iqassmu l-kafè u l-ħelu tradizzjonali tal-Milied, u nikkordinaw ukoll dwar id-dawl u s-*sound*. Din is-sena se nippruvaw inġibu d-dar ta' *Santa* fejn it-tfal ikunu jistgħu jieħdu ritratt miegħu. Ovvjament se jkunu qed jiżżejnu l-Pjazza u Triq Karmenu Ciantar bid-dawl dekorattiv tal-Milied, fejn din is-sena se tintrama ukoll Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

07.07.02 Is-Sindku fakkret sabiex jittella' l-avviż dwar il-kompetizzjoni għat-tfal tal-isbaħ diżinn tal-Milied għall-faċċata ta' quddiem tal-kartolina biex jitqassmu f'kull dar fl-Imqabba.

07.07.03 Rigward il-*Party* għat-Tfal tal-Milied, is-Sindku semmiet li kif diġà deċiż, se jsir nhar is-Sibt 21 ta' Diċembru 2024 bejn is-2pm u l-4pm fis-Sala tal-Iskola Primarja. Hija fakkret ukoll biex jiġi ordnat il-*catering*, l-*animator*, u jinxtraw ir-rigali. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

07.07.04 Is-Sindku infurmat ukoll li nhar il-Ħadd 5 ta' Jannar 2025 ser ikollna l-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr tat-8:30am u ssegwi b'Bibita ġewwa l-*foyer* tal-Iskola Primarja għall-Għaqdiet. Rigward l-ikla tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena tal-Kunsill, ġiet diskussa d-data u l-post u kien hemm qbil li ssir nhar is-Sibt 11 ta' Jannar 2025 filgħaxija u ser jintalbu stimi ta' resotranti differenti biex inkunu nistgħu nibbukkjaw.

07.07.05 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Galea jekk għadux possibbli li nżuru lill-Imqabbin li jinsabu fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, is-Sindku wieġbet li l-aħħar talba li kien għamel il-Kunsill biex issir żjara, ma kienetx intlaqgħet. Il-Kunsillieri preżenti qablu li għandna nagħmlu t-talba u nimxu minn hemm.

**07.08 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

07.08.01 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, il-Kunsillieri qablu li ma hemmx dwar xhix il-Kunsill għandu joġġezzjona jew jibgħat rappreżentazzjoni.

**07.09 Korrispondenza u Ordnijiet ta' Xogħlijiet**

07.09.01 Korrispondenza mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar SPI/SCI/8/2024 – Espressjoni ta' Interess-Finanzjament Karnival 2025. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill Lokali tal-Imqabba japplika għal din l-iskema. Skond l-istruzzjonijiet kif stipulat fiċ-Ċirkulari tal-imsemmija skema, ġie approvat li l-Kunsill Lokali jiffinanzja d-differenza bejn l-ispiża totali u l-ammont miksub mill-iskema, mill-fondi tiegħu.

07.09.02 Korrispondenza mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill Nexos Street Lighting, dwar talba għal stimi biex jinbidlu lampi tat-triq fi Triq San Mikiel għal lampi dekorattivi, u dwar biex jiżdied il-qawwa tad-dawl fil-Pjazza. Is-Sindku qalet li fl-opinjoni tagħha, dan id-dawl jista' jinbidel 'l quddiem jew forsi jsir permezz ta' xi skemi li joħorġu, u naħdmu iktar fuq dak li huwa iktar neċessarju li jsir bħalma huwa l-istore li ssemma iktar qabel. Il-Kunsillieri preżenti qablu li d-dawl imsemmi ma jinbidilx għal issa.

07.09.03 Ilment minn residenta dwar illegal dumping li qed isir fi plot ma' Triq Ħal Kirkop. Kien hemm qbil li nitolbu lir-residenta tindikalna eżatt fejn qiegħed dan is-sit sabiex ikun jista' jiġi identifikat jekk il-post hux privat jew pubbliku.

07.09.04 Talba minn resident biex żewġ siti, wieħed fi Triq il-Parroċċa kantuniera ma' Triq tas-Sejba u ieħor fi Triq tas-Sejba, jissebbħu u ma jibqgħux fl-istat mitlub li huma. Is-siti ġew diskussi mill-Kunsillieri preżenti u ntqal li huma privati għaldaqstant ma jista' jsir xejn fihom.

07.09.05 Korrispondenza mingħand TM, jirrispondu lill-Kunsill dwar il-plastic bollards in-naħa t'isfel ta' Triq Karmenu Ciantar li kien talab l-approvazzjoni għalihom. TM approvat li l-imsemmija bollards jiġu nstallati kif mitlub sakemm jitlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni li hemm għaddej biswit fejn se jeħlu. Wara jitneħħew u jsir kif mitlub minn TM li ssir estensjoni tas-central strip eżistenti. Il-Kunsillieri qablu li għandha ssir l-ordni għalihom kif ukoll għall-*crash barrier* l-imkissra fi Triq tas-Sejba filwaqt li nġibu wkoll stimi għal *road markings* komuni u *road markings* mit-tip imqabbżin għal Triq tas-Sejba.

07.09.06 Stima mingħand l-unika kuntrattur li bbidja, *ALMAT Excavation Works*, rigward erba' *drop kerbs* li kien hemm qbil li jsiru fi Triq Santa Katerina u fis-*Service Road* fi Triq il-Konvoj

ta' Santa Marija. Il-Kunsillieri qablu li għandna tinbgħat l-ordni tax-xogħol għal waħda li se ssir tal-*porifdo* u t-tlieta l-oħra tal-konkos.

07.09.07 Korrispondenza mingħand il-*LESA* fejn ġiet approvata l-estensjoni li tlabna rigward il-fondi għall-proġett tar-restawr tal-Isptar il-Qadim. Din hija l-aħħar estensjoni li se jagħtuna u li hija valida sa Ġunju 2025. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

07.09.08 Korrispondenza mingħand *The Energy & Water Agency* dwar il-kampanja *Water Be the Change*. Il-Kunsillieri preżenti qablu li għandu jittella' post fuq il-*FB Page* tal-Kunsill li fuq bażi first come first served se jkunu qed jitqassmu l-pakketti u l-*kits* relatati ma' din il-kampanja.

07.09.09 Korrispondenza mingħand residenta fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija dwar periklu, duħħan u storbju mill-vetturi fil-*bypass*. Il-Kunsillieri ddiskutew dan l-ilment u qablu li dan huwa każ ieħor li jaqa' taħt ir-rapport tekniku dwar l-imsemmija bypass u li qed nistennew stima għalih.

07.09.10 Korrispondenza mingħand residenta fi Triq Karmenu Ciantar dwar irwejjaħ ta' xi ħaġa mejta ħerġin minn ġo residenza abbandunata apparti l-iskart li qed jintefa' fil-parapett tagħha. Il-Kunsillieri qablu li għandna niktbu lis-sanità kemm minħabba l-irwejjaħ u l-iskart kif ukoll biex ikellmu lis-sid biex inaddaf u jieħu ħsieb.

07.09.11 Korrispondenza mingħand residenta fi Triq il-Madonna tal-Ġilju rigward inkonvenjent li għandha quddiem il-bieb tad-dar tagħha għaliex hemm miżbugħ parti mill-un/loading bay li saret riċentement għall-ħanut biswit id-dar tagħha. Il-Kunsillieri iddiskutew fit-tul dwar x'inhu l-inkonvenjent għal din il-familja u x'inhuma l-alternattivi biex l-inkonvenjent jieqaf filwaqt li sid il-ħanut jibbenefika mil-*un/loading bay*. Kien hemm qbil mill-Kunsillieri preżenti li niktbu lil TM biex l-*un/loading bay* tinbidel mal-*parking bay* li hemm qabilha (via Triq tas-Sejba).

**07.10 Ilmenti u Suġġerimenti**

07.10.01 Il-Viċi Sindku ressaq suġġeriment sabiex issir *Health Monitoring Session* fir-raħal. Is-Sindku infurmat li din is-sessjoni se ssir fi Frar 2025. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

07.10.02 Il-Viċi Sindku ilmenta dwar in-nuqqas ta' dawl li hemm fi Sqaq Nru 2 fi Triq Valletta minkejja li diġà hemm l-arbli u l-lampi nstallati dawl fl-isqaq faccata ta' Triq Valletta iżda dawn ma jixgħelux. Is-Sindku infurmatu li dan il-każ taf bih u qed taħdem fuqu. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

07.10.03 Il-Viċi Sindku ressaq suġġeriment biex issir road hump fis-service road quddiem Ġnien M'Anġ Sapiano. Is-Sindku qalet li din it-talba diġà saret u ma ntlaqgħetx minn TM u kompliet billi qalet li ladarba jsir ir-rapport tekniku dawn it-tip ta' problemi /periklu jkunu jistgħu jiġu ndirizzati. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

07.10.04 Il-Kunsillier Galea staqsa għaliex il-*website* tal-kunsill hija kważi vojta. Is-Sindku infurmatu li l-Kunsilli Lokali issa għandhom *website* tal-*gov* komuni u qed jingħata t-taħriġ dwarha. Is-S.E. infurmat li s'issa hemm *uploaded* l-informazzjoni storika u l-Aġenda u l-Minuti tal-laqgħat preċedenti u dawk riċenti. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

07.10.05 Il-Kunsillier Galea talab lis-S.E. biex l-*emails* li jintbagħtu, speċjalment dawk mill-Kunsilieri jiġu *acknowledged* /imwieġba mill-istaff klerikali malajr kemm jista' jkun. Is-S.E. infurmat li se tieħu ħsieb filwaqt li l-Kunsillier ħadu nota.

07.10.06 Il-Kunsillier Galea talab sabiex il-kuntrattur li se jirrestawra l-Isptar il-Qadim jieħu ħsieb li ma tintlaqatx /ma tinkisirx l-irħama ta' meta kien ġie inawgurat il-ftuħ tal-Isptar il-Qadim. Is-S.E. ħadet nota ta' dan.

07.10.07 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta li hemm lampa oħra tat-triq bil-ħsara fi Triq it-Torri Vinċenti. Is-S.E. talbitu ritratt li jindika liema waħda hi eżatt. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

07.10.08 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta dwar infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq Ħal Kirkop. Se ninfurmaw lis-Sanità dwar dan u anke dwar ġrieden fi Triq il-Qattara u Misraħ il-Fidwa. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

07.10.09 Il-Kunsillier Sciberras ressaq talba biex issir *MC Bay* fil-Pjazza tal-Knisja. Dan it-talba ma ntlaqax għar-raġuni li m'hemmx spazju fejn issir. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

07.10.10 Il-Kunsillier Sciberras informa li l-*Heritage Trail Perspex* li hemm biswit il-Kappella ta' Santa Katerina hija mkissra. Wara diskussjoni dwar biex setgħet inkisret jew min kissirha, minn ritratt ġie nnutat li din kienet ilha miksura. Kien hemm qbil mill-Kunsillieri li għandna nordnaw oħra biex tinbidel.

07.10.11 Il-Kunsillier Ghigo semma li quddiem *garage* ta' binja ġdida fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti hemm rampa taħt il-bankina li kienet saret għall-garage li kien hemm qabel u li issa ġiet wisq kbira. Għaldaqstant issuġġerixxa li titneħħa l-biċċa ż-żejda sabiex jintrebaħ spazju għal parkeġġ. Is-Sindku infurmatu li hija qed taħdem biex isiru l-bankini mill-ġdid f'dik it-triq. Madanakollu xorta kien hemm qbil biex il-ħaddiema jmorru jkejlu biex jaraw xi spazju jibqa' jekk titneħħa l-biċċa ż-żejda tar-rampa msemmija.

**07.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/07**

07.11.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/07 ġiet approvata unanimament minbarra *item 1* sabiex jiġi ċċekkjat jekk il-Kunsill kienx infurmat minn qabel li hemm ħlas biex is-*supplier* jiġi *onsite* sabiex ikun jista' jipprovdilna l-istima li kien mitlub.

**07.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

07.12.01 Il-laqgħa ntemmet fid-8:45 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 09 ta' Diċembru 2024 fis-6:00 pm.

Konfermati illum it-Tnejn 09 ta' Diċembru 2024.

**IFFIRMATI** **IFFIRMATI**

| | |
|---|---|
| **Grace Marie Zerafa** | **Valerie Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |